**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Novembru, 2018

Rikors Nru : 144/18 AL

AB

vs.

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet żżewġu fil-5 ta' Ġunju 1974 Ġewwa Dublin l-Irlanda u li sussegwentement l-istess żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2148/2006 kif jirriżulta miċ-ċertifikat anness u immarkat Dok 'A'.

Illi l-partijiet infirdu legalment permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi ippubbikat fis-27 ta’ Frar 2018 (Kopja tal-kuntratt annessa u mmarkat Dokument ‘B’).

Illi l-avukat ta’ l-esponenti ddiskutiet il-possibilta’ ta’ rikonċiljazzjoni u forniet l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin. Madanakollu m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi l-partijiet m’għexux flimkien għal dawn l-aħħar dsatax-il sena, kif jirriżulta ukoll mid-dikjarazzjoni tal-partijiet fil-kuntratt ta’ separazzjoni imsemmi u ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għal-ħall taż-żwieg u għad-divorzju tal-partijiet.

Talab, li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għal effetti kollha tal-ligi.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien prefiss mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Marzu, 2018;

Illi l-Qorti rat li l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghas-seduta u l-anqas ipprezentat risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Frar, 2018, u de facto separati ghal dawn l-ahhar dsatax –il sena;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.